MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 185/2011

**ABC**

**V**

**DC**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici pro et noe, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tlettax ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, cioe K u N ahwa Chetcuti li ghandhom l-etajiet rispettivi ta' 13-il sena u 6 snin.
2. Illi l-hajja mizzewga bejn il kontendenti saret impossibbli minnhabba sevizzi, eccessi, minacci , mohqrija u ingurji gravi kommessi kontriha mill-

konvenut, u minnhabba li tkissret irrevokabilment kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

3. Illi l-hajja mizzewga bejn il partijiet tkissret irrimedjabbilment u l-esponenti kellha tippresenta din l-istanza minnhabba li issubiet aggressjoni, fastidju , vjolenza u theddid tul il hajja mizzewga taghha, hafna mill incidenti ukoll sehhew quddiem it-tfal,u li kellha ukoll tirrikorri ghall protezzjoni tal Pulizija, kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni.

4. Illi zewgha minn dejjem kellu propensita ghall-vjolenza .Inoltre hu bniedem opportunist ,egoist, dominanti, u vjolenti. Dejjem trid tghaddi tieghu. Omm l-esponenti tghix maghhom fid dar matrimonjali li effettivament inxtrat bi flus parafernali tal esponenti. Hi u ommha spiccaw imwerwrin u intimidati mill-intimat kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni. Fil fatt hija ommha li qed thallas ir-rati ta’ self fuq il *home loans* filwaqt li l-intimat ma jikkontribwixxi xejn. Lanqas jissoministralha retta alimentarja ghaliha u ghat tfal minnkejja li hija mara tad dar kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni filwaqt li l-intimat qed izomm ghalih il paga tieghu u hi ma tara xejn minnu.

5. Inoltre qed ikollha iddur fuq il familjari taghha ghall ghajnuna sabiex trabbi it-tfal li jattendu, K San Awligi, u N il Kunvent tas *Sacred Heart,* kif inhu xieraq fl-ahjar interess taghhom, kif jirrisulta ukoll waqt it-tratazzjoni.

6. Illi ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni .

7. Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega min din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f’din l-istanza wara li itterminaw il proceduri ta’ medjazzjoni skond il Ligi **(DOK RC1 )** u ghalhekk ed issir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-konvenut

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tigi ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Chetcuti minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li il-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha.

3. M'ghandhiex l-attrici tigi fdata bil kura u kustodja tal-minuri K u Nikole ahwa salv l-access tal-konvenut f'dawk il modalitajiet xieraq li jigu appositament stabbiliti minn din l-Onorabbliu Qorti skond l-ahjar interess tal-minuri tenut kont ic cirkostanzi tal kaz;

4. M'ghandux l-imsemmi konvenut jigi ikkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata lilha dovuta skond il Ligi b'dawk il modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu iffissati minn din il Qorti kif ukoll bl-ordnijiet mehtiega sabiex il manteniment jithallas direttament mill-paga tieghu;

5. M'ghandux l-istess konvenut jigi ikkundannat li ihallas lill-attrici dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal uliedha b'effett retroattiv minn data li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala id-data li minnha l-istess intimat naqas milli ihallas ebda manteniment kif ukoll li jirrifondi lill istess attrici l-ispejjez li hi nefqet jew jsalda dejn li ghamlet sabiex taghmel tajjeb ghall ispejjez taghha u tat-tfal, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

6.Minghajr pregiudizzju ghat-talba precedenti, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti minnflok tillikwida retta alimentarja perjodika ghall-esponenti in *toto* jew in *parte* , billi tillikwida somma kapitali u/jew tassenja proprjeta immobiljari lill-attrici bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 54 (3) u (6) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) .

7.M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijet tal-Artikoli 48, 51, u 53 tal Kodici Civili (1984 ed.) in *toto* jew in *parte*.

8.M'ghandhiex din il Qorti tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il partijiet u tillikwida il beni formanti parti l-istess komunjoni okkorrendo b'opera ta perit nominand, u

billi tigi stabbilita data li minn dik id-data il-konvenut jitqies li ikun iddekada minn kull akkwist li sar mill-attrici, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirrapresenta lill-konvenut fl- eventwali kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lill attrici sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali tal-partijiet ,jekk jifdal, wara li tigi akkreditata il krediti parafernali taghha u komputati id-djun gravanti il komunjoni tal-akkwisti.

9. Tillikwida kreditu favur l-attrici konsistenti f'nofs id-dhul nett li ikun ircieva l-attur mill paga tieghu fil perjodu li fih ma kien qed ihallas ebda manteniment jew f'porzjoni iehor gust , liema sommatirrapresenta dhul tal-komunjoni tal-akkwisti u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-sehem hekk likwidat bl-imghaxijiet mid-data tal presenti.

10 Tillikwida l-krediti parafernali ossia pekularji tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal kontendenti kif ukoll tillikwida bhala krediti kontra l-komunjoni is-somom u flejjes avvanzati mill familjari tal-attrici ghall-bzonnijiet tal familja u ghar-restituzzjoni tad-dejn tal partijiet;

11. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il beni parafernali jew dotali taghha li jirrisultaw waqt it-trattazzjoni u dana fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss, u fin-nuqqas tikkundanna lill istess konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo b'opera ta perit nominand, rappresentanti il valur tal beni dotali/ parafernali imsemmija.

12. M'ghandhiex din il Qorti tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali bl-isem *La* Parure fi Triq il Perkursur Swieqi *vita durante* ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

13. Tawtorizza lill-attrici biex tirregistra ossija tnizzel fir Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina il-Qorti

**BL-ISPEJJEZ** - komprizi dawk tal proceduri inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u tad Digrieti li inghataw fl-istadju

tal-medjazzjoni– kontra il konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici pro et noe;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa ma jopponix illi tigi ppronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero dina ghandha tigi ppronunzjata minhabba htijiet imputabbli lill-attrici;
2. Illi huwa ma jopponix ghat-tieni talba;
3. Illi l-esponent jopponi ghat-tielet talba stante illi l-kura u kustodja tal-minuri K u Nikole, fl-interess suprem tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta, u l-modalita’ ta’ access ghandha tkun wahda adegwata sabiex ma jigix imxekkel l-izvilupp normali tar-relazzjoni bejn il-konvenut u uliedu;
4. Illi l-esponent ma jopponix in parte ghar-raba talba fis-sens illi ma jsib ebda oggezzjoni li jissoministra manteniment lill-attrici ghal uliedhom, kif wara kollox qed jaghmel diga, izda jopponi ghat-talba ta’ manteniment ghall-attrici innifisha stante illi <u>hi adultera u wara kollox ghandha introjtu illi jissupera dak tal-konvenut b’erba darbiet aktar</u> u dana kif ser jirrizutla waqt is-smigh u t-tratazzjoni ta’ din il-kawza. Illi in oltre ma hemm ebda raguni ghaliex l-esponenti ma ghandhiex issib impjieg. Illi dwar it-talba dwar iz-zieda perjodika ta’ l-gholi tal-hajja ghall-manteniment ta’ uliedu, l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni illi dan jizdied perjodikament izda jopponi bil-qawwa kollha illi dan ghandu jinqata direttament mis-salarju tieghu stante illi tali talba hi intenzjonata biss biex timbarazza lill-konvenut, li wara kollox dejjem kien puntwali fil-pagamenti tal-manteniment ghal uliedu;
5. Illi il-hames talba ghandha tigi respinta in toto stante illi kien il-konvenut illi dejjem hallas u ghadu qed ihallas, l-ispejjez kwotidjani tal-familja kollha inkluz dawk ta’ l-attrici u dana kwantu ikel, manutenzjoni tad-dar, spejjez edukattivi u medici, hwejjeg fost ohrajn. Illi jekk kemm-il darba l-attrici ghamlet dejn ad insaputa tal-konvenut u dana sabiex tissodisfa il-kapricci taghha kif ser

jirrizulta mis-smigh tal-kawza, il-Qorti ghandha tordna illi tali dejn ghandu jigi assunt unikament mill-attrici li kkontrattatu;

6. Illi is-sitt talba ghandha tigi responta in toto stante illi l-esponenti hi hatja ta' adulterju, u allura iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment, u in oltre ghandha dhul li jissupera l-erbat elef ewro fix-xahar mill-kirja ta' restaurant f'Bugibba, tali dhul jammonta ghal erba darbiet dak tal-konvenut. Illi di piu', l-esponent ma jara ebda raguni ghaliex l-attrici ma ghandhiex issib impjieg;

7. Illi is-seba talba ghandha tigi respinta stante, illi l-attrici hi adultera u allura iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment ghaliha minghand il-konvenut kif ser jirrizulta pjenament mis-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti pero' hija l-istess attrici li ghandha tigi penalizzata stante l-adulterju minnha kommess u ghalhekk ghandha tigi stabbilita data li minn dak il-jum quddiem li l-attrici titqies li tkun iddekadiet hi minn kull akkwist li jkun ghamel il-konvenut;

9. Illi id-disa talba hi guridikament monka u nsostenibbli stante illi ma kien hemm ebda separazzjoni in vigore;

10. Illi dwar l-ghaxar talba attrici ghandha telenka l-krediti u flejjes minnha mitluba u tipprova l-provenjenza ta' l-istess;

11. Dwar il-hdax il-talba, l-attrici ghandha telenka l-proprjeta li qed tindika u tipprova l-valur reali taghhom;

12. Illi it-tnax il-talba ghandha tigi respinta stante illi ma jirrizultawx l-estremi rikjesti mill-ligi, anzi fl-ahjar ipotezi ghandha tkun l-attrici nnifisha li tigi zgumbrata mid-dar matrimonjali stante li kienet hi li tat lok ghal din is-separazzjoni u se mai l-istess dar matrimonjali din ghandha tinbiegh bil-licitazzjoni f'kaz li tirrizulta li l-istess mhux komodament divizibbli;

13. Illi l-esponent jaqbel li tali sentenza ghandha titnizzel fir-Registru Pubbliku;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-Ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut; li *in forza* taghha huwa ippremetta :

1. Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta nhar it-13 ta' Novembru 1993 u minn dan iz-zwieg twieldu K u N li ghandhom tlettax-il sena u sitt snin rispettivament;
2. Ili l-hajja konjugali giet resa impossibli minhabba adulterju, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza morali kommessa da parti ta' l-attrici u inkompatibilita ta' karattru;
3. Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema diga gie esebit mill-attrici;

Talab li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici kif hawn fuq spjegat;
2. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri K u N konguntivament bejn il-partijiet b'dana illi previa li jinhatar social worker sabiex jirrelata dwar l-istess tordna illi il-minuri K jirrisjedi mal-missier filwaqt illi l-minuri N tirrisjedi ma l-omm salv id-dritt ta' access adegwat liz-zewg partijiet ghal minuri skond l-ezigenzi u l-htigijiet ta' l-istess minuri;
3. Tapplika kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk komtemplati fl-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili;
4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;
5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn;
6. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-assi immobiljarji inkluz id-dar matrimonjali, f'kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi;

7. Tikkundanna lill-attrici tirrestitwixxi lill-esponent il-proprjeta kollha tieghu parafernali u dotali jew il-valur taghha;
8. Tillikwida kreditu favur il-konvenut u tikkwalifika l-istess bhala kreditu tal-konvenut kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti, somon u flejjes avvanzati lill-familjari tal-konvenut ghall-bzonnijiet tal-familja u restituzzjoni tad-dejn tal-partijiet;
9. Tillikwida kreditu favur il-konvenut konsistenti f'nofs id-dhul tal-kirja li l-attrici irceviet mill-lokazzjoni tar-restaurant f'Bugibba;

Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat illi l-attrici rikonvenzjonata ma pprezentatx risposta ghall-kontro-talba;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Illi il-Qorti tinnota li r-rikorrenti ABCgiet debitament notifikata bir-risposta guramentata flimkien mal-kontro-talba annessa nhar il-21 ta' Novembru 2011 u dan kif jirrizulta mir-referta esebita in atti a fol 75 tal-process, liema referta turi li l-istess risposta guramentata inghatat personalment lir-rikorrenti. Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimat ma prezentax ir-risposta guramentata tieghu fit-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata stipulati mill-ligi izda permezz ta' rikors datat is-26 ta' April 2012, l-istess rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirrispondi ghall-kontro-talba tal-intimat fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li r-rikorrenti, permezz tar-rikors taghha msemmi aktar 'il fuq, tirrileva li hija giet notifikata bir-risposta guramentata u ma ttendietx u ma rrealizzatx li zewgha kien prevalixxa ruhu mill-beneficcju tal-kontro-talba. Hi tghid ukoll li ma hasbitx li kien hemm il-htiega ta' twegiba min-naha taghha. Tghid ukoll li fiz-zmien li giet notifikata bl-imsemmija risposta guramentata

flimkien mal-kontro-talba relattiva, hija kienet ikkoncentrata fuq il-possibilita' ta' ftehim bonarju bejn il-partijiet kif ukoll li kellha problemi ta' sahha.

Min-naha tieghu l-intimat jikkontendi li l-kontro-talba in kwistjoni kienet tinkludi s-solita avviz sabiex min jircievi d-dokument jirrispondi fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tal-istess notifika u jzid jghid ukoll li mhux minnu li kien hemm ragunijiet ta' sahha li setghu jimpedixxu lir-rikorrenti milli tirrispondi ghall-kontro-talba *stante* li l-intervent mediku li ghalih talludi r-rikorrenti kien sehh aktar minn sena qabel, u fuq kollox kien *day surgery* li zgur li ma kienx ser jimpediha milli tintavola r-risposta taghha fiz-zmien moghti lilha. L-intimat jghid ukoll li r-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja gie ntavolat ben hames (5) xhur wara n-notifika msemmija u li konsegwentement, ir-rikorrenti uriet dispett lejn din il-Qorti billi ma rrispondietx ghall-imsemmija kontro-talba.

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li huwa minnu li l-kontro-talba in kwistjoni kienet tinkludi s-solitu avviz rikjest mill-ligi. Dwar dan il-fatt m'hemm ebda ombra ta' dubju u ghalhekk il-Qorti mhix ser tidhol f'din il-kwistjoni. Li jrid jigi deciz hu jekk ir-rikorrenti kienitx gustifikata fil-kontumacja taghha jew le. Il-Qorti, mill-ewwel tinnota li ghalkemm m'hemm ebda nullita' fil-kontro-talba *stante* li din hija annessa mar-risposta guramentata u tinkludi l-elementi kollha necessarji u rikjesti mill-ligi izda mal-ewwel daqqa t'ghajn id-dokukment juri li huwa risposta guramentata ghaliex ma jaghmel ebda referenza ghall-kontro-talba li ssegwi. Ghalkemm mhux necessarju li mar-risposta guramentata jkun hemm referenza ghall-kontro-talba, t-tezi tar-rikorrenti kienet tkun ferm anqas kredibbli li kieku dan kien indikat fl-istess risposta guramentata. Dan hu kkonfermat ukoll mill-fatt li r-referta nnifisha tan-notifika turi li r-rikorrenti fil-fatt giet notifikata biss bir-risposta guramentata u ma taghmel ebda referenza ghall-kontro-talba. Il-Qorti hija tal-fehma li *stante* li mill-atti, precizament mir-referta msemmija, ma jirrizultax fic-certezza li r-rikorrenti giet notifikata ukoll bil-kontro-talba (ghalkemm l-istess rikorrenti qieghda titlob li tinghata l-awtorizazzjoni sabiex tintavola r-risposta guramentata taghha ghall-kontro-talba), hemm dubju dwar

l-istess, liema dubju ghandu jmur favur l-istess rikorrenti *stante* li ma jidhirx li hemm xi forma ta’ *culpa* li tista’ tigi attribwita, ghall-anqas b’mod komplet, lill-istess rikorrenti.

Tenut kont ta’ dak suespost, u tenut kont tal-gurisprudenza nostrana, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo**[1] fejn gie dikjarat li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, ma jridx ikun hemm element ta’ *culpa* da parti tal-istess intimat izda jrid necessarajament ikun hemm element li permezz tieghu verament juri li kien hemm kawza legittima (u cioe’ ***una ragione indipendente dalla volonta’ di chi e’ chiamato a subire, o necessita’ impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili***[2]) ghal tali nuqqas ta’ prezentata ta’ risposta fit-terminu impost. Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**[3] fejn il-Qorti tal-Appell esponiet il-fundament razzjonali ta’ l-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b’mod strettissimu favur il-kontumacja. Fi kliem l-istess Qorti,

“….***Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta’ natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b’mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista’ jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta’ l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata***.”

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghha, u taghti zmien ghoxrin (20) jum mid-

[1] Vol. XXIX.I. 1581 deciza nhar id-29 ta’ Mejju 1937
[2] Callus vs Chircop (1926)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell 1995

data tal-lum sabiex l-istess rikorrenti tipprezenta r-risposta guramentata taghha ghall-kontro-talba tal-intimat.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi jigu decizi mas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------